VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,867, 22 ta' Settembru, 2017
Taqsima B

A.L. 244 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004
għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC –
taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 151 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3 u 4 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għad-dħul fit-tielet sena tal-Kors f'Ottubru 2018 biss.

(2) L-ordinamenti 5 sa 8 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (ii) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(ii) għaddew fil-Livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, fil-Malti u fil-Matematika; u".

4. Is-sotto-paragrafu (iii) li ġej għandu jidħol wara s-sotto-paragrafu (ii) tal-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(iii) **Għad-Dħul f'Ottubru 2018 biss**, għaddew fit-testijiet tal-proficjenza fl-Ingliż u fil-Malti, approvati mill-Fakultà. L-applikanti jkunu eżentati milli joqogħdu għat-test tal-proficjenza fl-Ingliż jekk ikunu għaddew fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla fl-Ingliż. L-applikanti jkunu eżentati milli joqogħdu għat-test tal-proficjenza fil-Malti jekk ikunu għaddew fiċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla fil-Malti."

5. Il-paragrafu (5) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

6. Il-paragrafu (6) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (5).

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tal-ordinament 9.

8. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-istudenti li meta daħlu fil-Kors ma kellhomx ċertifikati fl-Ingliż u fil-Malti fil-livell taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla, jew fil-livell Intermedju jew Avvanżat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew ogħla, jew kwalifiki meqjusa bħala ekwivalenti mill-Bord, ikunu meħtieġa li jsegwu u jtemmu b'suċċess kors jew korsijiet ta' proficjenza approvati mill-Bord fil-Malti u/jew fl-Ingliż (kif applikabbli) qabel it-tmiem tat-tielet semestru tal-Kors. L-istudenti li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti sa dan il-perijodu jkunu meħtieġa li jwaqqfu l-istudji tagħhom sa massimu ta' tnax-il xahar fejn matul dan iż-żmien huma jkunu mistennija jiksbu dawn ir-rekwiżiti. L-istudenti jkunu eliġibbli biss li jipproċedu bl-istudji tagħhom jekk jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti."